MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1056/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Martin Carbonaro**

**Kumpilazzjoni Nru: 1056/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Martin Carbonaro ta’ 47 sena iben Carmel u Antoinette nee Zerafa, imwieled Pieta’ nhar 23/07/1968, u residenti 27 ‘Hail Mary Flats’, Flat 3, Triq Fabrizio Bartolo, Mosta, u detentur tal-karta ta’ l-identita numru 305268(M).

1.Akkuzat talli nhar l-10 ta’ Ottubru 2014, ghal habta tal-10:30pm, gewwa l-Ghassa tal-Mosta sitwata fi’ Triq il-Kostituzzjoni, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ WPS148 D Camilleri waqt li kienet qieghda taghmel jew minhabba li kienet qieghda taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqha kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’dan is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin lok u cirkustanzi imsemmija qabel ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC648 K Grech waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien qieghed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz u dan bi ksur tal- Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Akkuzat ukoll talli nhar l-10 ta’ Ottubru 2014, fi’ Triq Fabrizio Bartolo l-Mosta, garr arma tan-nar, li kienet ikkargata, jew bl-iskrataċ fil-kompartiment ta’ l-iskrataċ ta’ l-arma, jew barra l-għata tagħha, f’post fejn mhux permess l-isparar fuq il-kaċċa u dan bi ksur ta' regolament 17 u 27 (1) (d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006.

4. Akkuzat ukoll talli nhar l-10 ta’ Ottubru 2014, fi Triq Fabrizio Bartolo l-Mosta, bhala persuna li ghandhu licenzja biex izzomm jew biex ikollu f’idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma zamx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjoni b’mod li ma jkunux jistghu jigu f’ idejn haddiehor u dan bi ksur tal- Artikolu 47(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi imsemmija qabel kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u / jew munizzjon barra mil-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal- Pulizija u dan bi ksur tal- Artikolu 5(3) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Akkuzat ukoll talli dak in-nhar nhar u fi zminijiet precedenti gewwa l-Mosta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda billi zamm armi u munizzjon imniżżlin taħt l-Iskeda I u II li jinsabu ma' l-Att, minghajr ma kienu maqfulin sew f'post sigur ġewwa r-residenza tiegħu u naqas li jiżgura li ħadd ħliefu ma jkollu aċċess għalihom bi ksur ta' Legislazzjoni Sussidjarja 8(b), 15(a), 21 (1)(a) tal-ligi sussudjarja 480.02 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Akkuzat ukoll talli bhala pussessur ta' licenza taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares hares il-kundizzjonijiet imsemmija f' dik il-licenza.

8. Akkuzat ukoll talli fid-dati u hinijiet imsemmija qabel kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr N Camilleri LL.D. nhar it-18 ta' Mejju 2014 u dan bi ksur ta'l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tqis lil Martin Carbonaro bhala recidiv ai termini ta'l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba biex minbarra l-piena skond il-ligi tordna s-sospenzjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt l-Avviz legali 79 tal-2006 hekk kif emendat u tal-Kapitolu 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta u taħt it-taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal- Pulizija ghaz-zmien stabbilit taht regolament 27 (2) (a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba ukoll biex minnbarra il-piena skont il-ligi tordna il-konfiska tal-corpus delicti, inkluz senter tal-ghamla Tunet bin-numru tar-registrazzjoni 540468 u ta' senter tal-ghamla Tristar bin-numru tar-registrazzjoni 338 126A-31N li servew jew li kienu mahsuba li jservu sabiex isir id-delitt, u dan bi ksur tal-Artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' Regolament 27 tal-Avviz legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, kif ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat l-artikoli 49, 50, 95 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 5(1)(3), 27(1) u 47(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 17 u 27(1)(d) ta'l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 u r-Regolamenti 8(b), 15(a) u 21(1)(a) ta'l-Avviz Legali 177 tas-sena 2006.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenit esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-eventwali koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn l-proceduri u l-fedina penali ta' l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi wahda allarmanti.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-agir ta'l-imputat huwa rizultat tal-problema li ghandu b'l-abbuz ta'l-akohol u li dak li ghandu bzonn l-imputat aktar minn kollox huwa ghajnuna biex jeghleb din il-problema.

Ghal dawn il-motivi l-Qort, wara li rat l-artikoli 49, 50, 95 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 5(1)(3), 27(1) u 47(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 17 u 27(1)(d) ta'l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 u r-Regolamenti 8(b), 15(a) u 21(1)(a) ta'l-Avviz Legali 177 tas-sena 2006, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **disgha (9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn (2)** u **multa ta' tmien mitt Euro (€800)** li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 u r-Regolament 27 ta'l-Avviz Legali 27 tas-sena 2006 qed tordna **l-konfiska ta'wahda mill-armi esebieti u cioe dik b'numru 540468 kif ukoll tal-munizzjon esebiet** u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 57 ta'l-istess Kapitolu 480 u r-Regolmanet 27 ta'l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 qed **tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja taht il-Kapitolu 480 u l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 ghal perjodu ta' sentejn (2)**. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht **ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu ta' sentejn (2)** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju ta'l-alkohol.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-ufficcju tal-probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------